**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 662/2021**

**Ir-Repubblika ta'Malta**

**vs**

**Henry Alonso Cano Rojas**

**<u>Illum, 12 ta' Gunju, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Henry Alonso Cano Rojas** detentur tal-Passaport Kolombjan bin-numru AW562052 , akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Gewwa l-appartament numru 17, Seaview Apartments, fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru tas-sena 2021:

i. Mingħajr il-kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġetti, jew penetrazzjoni orali, b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, u cioe' fuq il-persuna ta' Omissis;

ii. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekkwestra lil Omissis kontra l-volonta' tagħha, sabiex toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Gunju,2024, filwaqt li ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontrih u b'hekk illiberatu minnha, wara li rat l-artikolu 198(1) u (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu għal piena ta' sitt (6) priġunerija effettiva.

*Di piu,* billi l-appellant ġie misjub ħati ta' reat skedat, l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat ukoll, fit-termini tal-artikolu 6(1)(a) u 6(2) tal-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex is-sentenza minnha prolatata, meta ssir definittiva, tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Henry Alonso Cano Rojas, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Gunju 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellate u dana billi;

i. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, u;

ii. Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tilliberah minnha, **jew**;

iii. B'mod sussidjarju u strettament mingħajr pregudizzju għat-talbiet preċedenti, tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. **<u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi</u>**

A.1. **L-attendibbilita' tal-*parte civile* Omissis – Rimarki Preliminari**

1. Il-każ kollu tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri huwa essenzjalment msejjes fuq il-verżjoni offruta mill-*parte civile* Omissis u xejn iżjed.

2. Filwaqt li ma hemmx dubju li s-sentenza prolatata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija waħda eżawrjenti, dettaljata w motivata, l-appellant bir-rispett jikkontendi li l-apprezzament li fuqu embarkat l-Ewwel Onorabbli Qorti kien żbilanċjat, filwaqt li ċertu fatti u ċirkostanzi korroborattivi senjalati mill-appellant ma ngħatawx widen u/jew ma tpoġġewx fil-perspettiva li jixraqilhom.

3. Li hu żgur hu li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kompletament kontrastanti. Minn naħa l-waħda l-*parte civile* Keler tallega li ġiet stuprata filwaqt li l-appellant – kemm fl-istqarrija minnu rilaxxjata u wkoll fit-testimonjanza tiegħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti – ta spjegazzjoni nvarjabbilment konsistenti w attendibbli tal-akkadut konċernat fejn jiċħad kategorikament li l-atti sesswali kienu vvizzjati b'nuqqas ta' kunsens.

4. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti esprimiet il-fehma, wara li xtarret il-provi prodotti, li l-verżjoni rakkontata mill-*parte civile* hija iżjed verosimili u attendibbli minn dik tal-appellant.

5. L-appellant ser juri kif, bil-kontra, l-verżjoni tal-*parte civile* hija mtappna b'sensiela ta' inverosimiljanzi u f'dan l-appell ser ikun qed jissenjala dawn l-inkongruwenzi kemm individwalment u kif ukoll f'kuntest ħolisitiku.

6. Jiġi mfakkar li f'kazijiet ta' din ix-xelta, fejn hemm żewġ verżjonijiet konfliġġenti, il-Qorti għandha:

> "… teżamina d-dettalji - eżami li għandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss żewġ xhieda, waħda tgħid abjad u l-oħra tgħid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-ieħor li jkollha quddiemha l-Qorti."[1]

7. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jisħaq li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-istess Kap. 9, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża :-

> "id-deċizjoni (dwar il-kredibbilta' ta' xhieda) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ."

8. F'dan l-isfond, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Daniel Gatt</u>**' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja, fejn ġie ritenut illi:

---

[1] **Il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta'April 2008 per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono.

> "Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakolta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu."

9. F'dan il-kuntest, l-akbar sfida fuq spallet il-Qorti hija li tiskopri l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb il-quddiem – kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta – mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa daqs kemm jistgħu ikunu ġenwini. Tant hu hekk li l-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun il-bażi ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

10. U dan il-każ huwa mifni b'dubji dettati mir-raġuni. Dubji bbażati fuq is-sens komun u fuq il-bwon sens, ċjoe dubji, li kieku magħrbla b'attenzjoni, b'diliġenza ma sergħux għajr iwasslu għall-liberatorja tal-appellant.

### A.1.1 **Il-varji diverġenzi fil-fatti rakkontati**

11. L-appellant, fl-ewwel lok, sejjer jgħaddi biex jsemmi l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha li hu jidhirlu li fuqhom ma hemmx disgwid u kontestazzjoni minn ebda' naħa. Dawn huma s-segwenti:

i. Il-fatt li l-inkontri kollha bejn l-appellant u l-*parte civile* qabel l-akkadut innifsu kienu ġewwa l-istabbiliment ta' divertiment *Footloose* f'Paceville.

ii. Il-fatt li wara l-ewwel inkontru tagħhom, segwa skambju ta' messaġġi bejniethom, mifrux fuq medda ta' ġranet, *tramite* l-pjattaforma tal-*Instagram*.

iii. Il-fatt li fil-lejl ta' bejn nhar id-9 u l-10 ta' Ottubru 2021, l-*parte-civile* qattat prattikament is-serata' kollha tiżfejn u tiddeverti wara d-DJ *booth* fejn kien qed idoqq u jaħdem l-appellant ġewwa l-istess *Footloose.*

iv. Il-fatt li fl-istess lejl, il-*parte-civile* baqgħet fil-kumpannija tal-appellant sakemm l-istabbiliment *Footloose* ġie biex jagħlaq għal ħabta ta' 03:00am;

v. Il-fatt li minn ġewwa l-istess stabbiliment, l-esponenti u l-*parte civile* ħarġu l'barra flimkien.

vi. Il-fatt li hekk kif ħarġu, sħab il-*parte-civile* kienu sparpaljati fl-akwati ta' *Paceville* – uħud fuq barra ta' *Footloose* u uħud biswit *BurgerKing*.

vii. Il-fatt il-*parte-civile* u l-appellant mxew lejn id-direzzjoni ta' *BurgerKing* flimkien.

viii. Il-fatt li l-*parte-civile* volontarjament daħlet fil-blokka ta' appartamenti fejn jirrisjedi l-appellant.

ix. Il-fatt li flimkien mal-appellant, il-*parte civile* telgħet tliet sulari taraġ volontarjament.

x. Il-fatt li volontarjament ukoll, il-*parte civile* daħlet, fuq stedina tal-appellant, ġewwa l-appartament tal-appellant.

xi. Il-fatt li l-*parte-civile* volontarjament mxiet mal-appellant lejn il-gallarija sabiex jaraw il-"veduta".

xii. Il-fatt li sussegwentament kien hemm konġunġiment karnali fil-kamra tas-sodda tal-appellant.

xiii. Il-fatt li l-*parte-civile* damet ġewwa l-appartament tal-appellant għal madwar 20 minuta.

xiv. Il-fatt li l-għada, l-appellant bagħat xi messaġġi lil *parte-civile* fuq il-pjattaforma tal-*Instagram,* liema messaġġi ma ġewx mwieġba mill-istess *parte-civile*.

12. L-appellant issa ser jgħaddi sabiex jindika serje ta' ċirkostanzi u fatti li fuqhom hemm diverġenza:

i. L-appellant jgħid li huma u ħerġin flimkien minn *Footloose* huwa staqsa lill-esponenti biex tmur miegħu l-appartament tiegħu u li hi, minn naħa tagħha, aċċettat. Il-*parte-civile* tgħid li wara li ħarġu barra l-appellant qabadha minn idha u ma kinitx taf fejn sejrin. Tgħid ukoll li ma riditx tmur miegħu.

ii. L-appellant jisħaq li huma u mexjin lejn l-appartament tiegħu minn *Footloose,* huwa u l-*parte-civile* mxew id f'id. Il-*parte-civile* minn naħa l-oħra tgħid li beda' jiġbidha minn idha. Il-kelma testwali minnha użata hija *"dragging"*.

iii. Il-*parte civile* ssostni li sabiex l-appellant jħeġġiġha timxi miegħu lejn l-appartament, huwa talabha tgħinu żżomm u ġġorr xi oġġetti li kien mgħobbi bihom. L-appellant bil-kontra jgħid li l-affarjiet żammhom dejjem għandu u fl-ebda' waqt ma talabha ġġorlu xi ħaġa.

iv. L-appellant jisħaq li huma u mexjin lejn il-*BurgerKing,* il-ħabiba tal-*parte-civile* – ċertu Noa – kienet evidentament f'sakra kbira u ssuġerixxa li joħduha lura ħdejn il-grupp ta' sħab il-*parte-civile* li kienu għadhom quddiem *Footloose*. Il-*parte-civile* tgħid li kienet hi li bil-lingwa Olandiża spjegat lil din Noa li ma riditx tmur mal-appellanta u minn naħa tagħha Noa qabdet id il-*parte-civile* sabiex teħodha lura quddiem *Footloose* fejn kien hemm il-bqija ta' sħabhom filwaqt li rrimarkat lill-appellant li l-*parte-civile* ma riditx tmur miegħu.

v. L-appellant isostni li wara li telgħu flimkien fl-appartament tiegħu u mxew lejn il-gallarija, huma qabdu jitbewsu u jmissu lil xulxin sesswalment. Il-*parte-civile* tgħid li hu biss beda' jbusha filwaqt li hi baqgħet tgħidlu li għandha bżonn tmur ħdejn sħabha għax kienu qegħdin iffitxuha.

vi. L-appellant jgħid li ġol-kamra tas-sodda huwa nieżel għal parti tagħha biex jagħmel sess orali fuqha filwaqt li l-*parte-civile* bdiet turih, billi tagħmel ċertu ħsejjes, ġesti u movimenti, li qegħda tieħu gost. Il-*parte-civile* minn naħa tagħha tgħid li baqgħet tgħidlu li ma tixtieqx tkompli u li jeħtieġilha tmur. Tgħid ukoll li f'mument

minnhom ġisimha ffriża, telqitilha kull forza li kellha fuqha nnifisha u waqfet tirreżisti – filwaqt li bdiet tiċċassa lejn is-saqaf tal-kamra.

vii. L-appellant jispjega kif wara s-sess orali, kien hemm konġunġiment karnali, fejn il-*parte civile* baqgħet tagħtih x'jifhem li kienet qed tieħu gost u tkompli miegħu. Il-*parte-civile* tgħid li l-appellant sforza l-parti tiegħu ġol-parti tagħha b'ċertu forza. Tgħid pero' li hi baqgħet "ffriżata" u ħallietu għaddej mingħajr ma rreżistiet.

viii. L-appellent jisħaq li kif intemm ir-rapport sesswali, hu saqsiha biex tibgħatliu messaġ fuq *Instagram* sabiex isimha jerġa jitla l-ewwel fiċ-*chat list* u b'hekk ikun jista jibgħatilha l-għada filgħodu. Jgħid li filfatt bagħtitlu messaġ u kitbet il-kelma "hi". Minn naħa tagħha, il-*parte-civile* fuq dan il-punt tikkontradixxi ruħha darbtejn. Fir-rapport tagħha mal-Pulizija tgħid li kien l-appellant li ħatfilha ċ-ċellulari u li kien hu li bagħat il-messaġġ minn fuq iċ-ċellulari tagħha. Fix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti mbagħad tammetti li verament kienet hi li kitbet il-messaġġ iżda bagħtitu biss biex tagħlaqlu ħalqu u tkun tista titlaq mill-appartament.

13. Fit-taqsima li ser issegwi, l-appellant ser jindirizza dawn l-inkonsistenzi waħda waħda u sejjer umilment jispjega kif u għaliex il-verżjoni tal-*parte-civile* hija mtappna b'inverosimiljanza – inverosimiljanzi li wieħed faċilment jista' jasal għalihom bit-tħaddim tal-bwon sens. Minn naħa l-oħra, ser jintwera' kif il-fatti kif spjegati mill-appellant huma msaħħa w sorretti b' firxa ta' provi korroborattivi – liema provi l-Ewwel Onorabbli Qorti sfortuntament warbithom fil-ġenb u għażlet minflok li taċċetta *a bocca bacciata* il-verżjoni tal-*parte-civile* u tqisha bħala waħda veritiera.

A.1.2 **Il-konsapevolezza tal-*parte-civile* li hija miexja lejn l-appartament tal-appellant**

14. Il-*parte-civile* ipprovat toħloq din l-istampa li wara li hija ħarġet minn ġewwa *Footloose*, fil-ħin tal-għeluq tiegħu, flimkien mal-appellant, hija sfat "dragged" mill-appellant quddiem sħabha u ma kinitx taf fejn sejjer jeħodha.

15. Wieħed jieqaf jaħseb u jintebaħ kemm dan ma jagħmilx sens. Kienet il-*parte-civile* stess li kkonċediet illi:

    i. Dak il-lejl qattatu tiżfen u tiddiverti ħdejn l-appellant wara d-DJ *booth*.
    ii. Kienet ilha ġranet tiskambja messaġġi mal-appellant fuq *Instagram*;
    iii. Kienet komda biżżejed tgħidlu li jumejn qabel kienet ġiet *drugged* billi xi ħadd tefala xi sustanza fl-alcohol li xorbot.
    iv. Saħansitra stenniet lill-appellant iżarma l-apparat tiegħu minn fuq id-DJ *booth* sabiex joħorġu barra mill-istabbiliment flimkien.

16. Pero' fl-istess nifs, l-*parte-civile* donnha xtaqet tbellalna li hekk kif ħarġu barra l-istabbiliment hija kellha xi ripensament u ma xtaqitx tibqa' iżjed fil-kumpannija tal-appellant. Filfatt, skont hi, dan il-pesuna li qatt ma rat għajn ħażina minnu, qabadha minn idha u ġibidha lejn id-direzzjoni ta' *BurgerKing* mingħajr ma kienet taf fejn sejjer joħodha.

17. B'kull rispett, dan ir-rakkont ma hux attendibbli u f'dan l-isfond, l-esponenti ma jistax ma jistaqsix:

    i. Kieku veru l-appellant beda jiġbidha minn idha kontra r-rieda tagħha, ma setgħetx sejħet jew għajtet lil xi ħadd minn sħabha

ġialadarba uħud minnhom kienu miġbura viċin tagħha quddiem *Footloose*?

ii. Kieku veru l-appellant beda jiġbidha minn idha kontra r-rieda tagħha, kif wieħed jispjega li mill-viżwali tal-filmati u stills estrapolati minn-*CCTV* cameras mill-espert tal-informatika Keith Cutajar, l-appellant u l-*parte-civile* jintlemħu mexjin id f'id preċiżament kif jispjega l-appellant?[2]

18. Fl-isfond tal-premess, tagħmel bil-wisq iżjed sens il-verżjoni offruta mill-appellant li huma kienu diġa ftehmu li kif joħorġu minn ġewwa *Footloose* jimxu flimkien lejn l-appartament tiegħu – wara kollox ma jeżistix indizzju wieħed li hu wieħed li jikkontradixxi dan.

A.1.3 **Il-ġarr u t-tqandil tal-apparat tal-appellant**

19. Il-*parte-civile,* kemm fil-verżjoni tagħha mogħtija mal-Pulizija u kif ukoll fit-testimonjanza tagħha quddiem l-Ewwel Onorabbli, tispjega li fil-mixja inizzjali fid-direzzjoni lejn il-*BurgerKing*, hi u l-appellant ħabtu mal-ħabiba tagħha Noa u bil-lingwa Olandiża qaltilha li ma rieditx tmur mal-appellant. Dejjem skont il-*parte-civile,* Noa qabditilha jdejha u dderiġieta lura lejn *Footloose* fejn kien hemm il-grupp ta' sħabhom. Skont il-*parte-civile,* l-appellant għat-tieni darba jerġa jaqbadha minn idha u flimkien jerġaw jibdew mexjin fid-direzzjoni lejn il-*BurgerKing* u din id-darba hija tgħid li l-appellant, sabiex jikkonvinċiha timxi miegħu, talabha tgħinu jġorr l-apparat li kien qiegħed iżomm.

20. Għal darb'oħra, l-*parte-civile* hawn tinqabad tigdeb sfaċċjatament in kwantu mis-sensiela ta' stills estrapolati mill-espert tal-informatika[3], <u>liema stills jkopru l-mixja kompluta minn *Footloose* għal ħdejn *BurgerKing*</u>, imkien u fl-

[2] Vide relazzjoni Dok. KC1 – a fol. 318 *et seq*
[3] Ibid.

ebda' waqt il-*parte-civile* ma tintlemaħ żżomm xi basket li seta għaddiela l-appellant.

A.1.4 **Id-dħul volontarju ġewwa l-appartament tal-appellant**

21. Ma jistax ma jiġix enfasizzat kemm il-*parte-civile* xxejjen għal kollox il-kredibbilita' tagħha meta' f'nifs wieħed tispjega li kien l-appellant li beda' jiġbidha minn ida kontra r-rieda tagħha fid-direzzjoni tal-*BurgerKing,* pero' f'nifs ieħor imbagħad tgħaddi sabiex tispjega' li hija volontarjament daħlet fil-blokka tal-appartamenti fejn jirrisjedi l-appellant u telgħet miegħu tliet (3) sulari taraġ.

22. Dan ikompli jsaħħaħ il-konvinċiment ta' dak li jkun li l-*parte-civile* verament kienet taf ben tajjeb fejn l-appellant ser joħodha u fejn hi aċċettat li tmur!

23. Meta' mbagħad mistoqsija għalfejn aċċettat li titla mal-appellant tliet sulari taraġ sabiex tmur miegħu fl-appartament, hija wieġet billi qalet li tirrikonoxxi li kienet "naive" u ma basritx li kif titla fl-appartament tal-appellant huwa kien ser jagħmlilha dak li, skont hi, għamlilha.

24. Pero' kif qatt wieħed jista' raġjonevolament jikkonvinċi ruħu li l-*parte-civile:*

    i. Ma kinitx taf fejn l-appellant kien ser joħodha;
    ii. li ma riditx timxi miegħu lejn il-*BurgerKing,* u;
    iii. li ma xtaqitx titla fir-residenza tal-appellant

    U dana meta:

    i. Il-filmati u l-istills estrapolati mill-espert tal-informatika juru xorta' oħra;

ii. U l-*parte-civile* stess tikkonċedi u tammetti li volontarjament telgħet tlett sulari taraġ mal-esponenti sabiex jidħlu fl-appartament tiegħu?

25. Dawn huma kollha inkongruwenzi lampanti li bihom wieħed ma jistax għajr jiddubita' bis-sħiħ l-attendibilita' tal-*parte-civile*.

A.1.5 **L-attivitajiet sesswali u l-kunsens**

26. Ma hux kontestat, kif ġia rimarkat, li fl-appartament tal-appellant, kien hemm rapport sesswali bejnu u l-*parte-civile*. Fit-testimonjanza tiegħu, l-appellant ma kellu ebda' problema' jispjega f'ċertu dettal fiex kienu jikkonsistu l-attivitajiet sesswali li seħħew bejniethom tul l-20 minuta in kwistjoni.

27. L-appellant konsistentament jirrakonta li l-ġibda sesswali kienet reċiproka u li l-*parte-civile* kompliet miegħu bis-sħiħ filwaqt li fl-ebda' ħin ma qaltlu sabiex jieqaf.

28. Minn naħa tagħha, l-*parte-civile* tgħid li l-uniku opposizzjoni li esprimiet, wara li din volontarjament telgħet miegħu fl-appartament, kienet li hi kellha titlaq għaliex sħabha ma kienux jafu fejn qegħda u kienu qegħdin jistennewha sabiex jitilqu lejn id-dar flimkien. Tikkonċedi filfatt li hi fl-ebda' waqt ma użat forza fiżika sabiex tirreżisti.

29. Pero minn naħa l-oħra tisħaq ukoll li lanqas l-appellant minn naħa tiegħu ma' eżerċita forza fuqha.

30. F'xi mument waqt li kien qiegħed isir fuqha sess orali mill-appellant, hija tgħid li "ffriżat" u ma kellhiex kontroll iżjed fuq ġisimha. Tgħid li ġiet f'sensiha biss meta beda' jċemplilha xi ħadd minn sħabha fuq iċ-ċellulari

tagħha, fejn hemmhekk qamet minn fuq is-sodda u infurmat lill-appellant li għandha bżonn titlaq.

31. Hawnhekk, wieħed ma jistax ma jiġbidx l-attenzjoni għall-fatt li l-appartament tal-appellant jinsab fi blokka ta' appartamenti preċiżament biswit l-istabbiliment tal-*BurgerKing* – *ossia* f'zona ġewwa *Paceville* li tkun *patrolled* mill-Pulizija il-ħin kollu. Dan il-fatt anke l-*parte-civile* innifisha kkonfermatu.

32. X'juri dan? Propju juri li kieku verament il-*parte-civile* kienet qegħda tiġi abbużata sesswalment, hija setgħet faċilment twerżaq jew tgħajjat għall-għajjut – speċjalment f'zona li hi stess taf li tkun miżgħuda bil-preżenza tal-Pulizija!

33. *Di piu,* ma jistax ma jingħadx ukoll li skont il-*parte-civile,* meta l-appallent ġie biex jippenetraha bil-parti tiegħu, huwa uża ċertu saħħa u forza u filwaqt li ma waqfitux, bdiet tweġġa. Minn naħa tiegħu, fuq dan il-punt, l-appellant jispjega b'mod plawsibbli li wara li l-*parte-civile* irrimarkatlu li tippreferi sess iżjed bilmod, huwa beda' jippenetraha iktar bil-mod.

34. Il-*parte-civile* tgħid ukoll li minn ġewwa l-parti tagħha dam jumejn sħaħ ħiereġ id-demm wara l-akkadut. Tisħaq ukoll li tant kemm ħassitha skomda u muġugħa li fi triqta lura lejn id-dar ġewwa t-*taxi* li hija ma setgħetx tpoġġi sew.

35. Issa b'rabta ma dan il-każ u ma' dak allegat mill-*parte-civile* fil konfront tal-appellant, l-istess *parte-civile* ġiet eżaminata minn Dr. Helga Consiglio, espert ginekologa u minn Dr. Mario Scerri – esperti mediku. Dr. Mario Scerri, li eżamina lil Omissis fl-11 ta' Ottubru 2021, kkonstata u ikkonkluda li "*ma kellhiex tbenġil jew leżjonijiet oħra u fil-parti private tagħha u ..... ma*

*sibniex llli kien hemm evidenza ta' trauma, kwindi ma kiex hemm evidenza ta' pentrazzjoni sfurzata.*[4]

36. Minn naħa tagħha l-espert ginekologa Dr Helga Consiglio, li wkoll eżaminat lil Keler fil-11 ta' Ottubru 2021, waslet għall-istess konklużjoni. Hija saħqet testwalment illi: "*Waqt l-examination ma kien hemm xejn. ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza jew grief jew demm jew hekk u kien hemm just tisfija bajda li deheret normali u hadt is-samples kif inhuma skond il-protokol u bghatnihom mal-Pulizija ghac-checking ghal presenza ta' sperm.*"

37. Il konstatazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti minn dawn iż-żewġ esperti, partikolarment il-konklużjoni ċentrali tagħhom li ma sabu ebda evidenza ta' trauma sesswali kjarament ipoġġu fid-dubju dak allegat minn Omissis fil-konfront tal-appellant u dwar dak li seħħ bejniethom. Meta l-istess Keler ddikjarat illi hija ma tatx il-kunsens tagħha għas-sess, li l-appellant kien goff u li beda jippenetraha b'ċertu saħħa, u li dam jumejn ħiereġ id-demm mill-parti tagħha, huwa ferm stramb li meta ġiet eżaminata minn esperti mediċi propju ġurnata wara, ma' ġew riskontrati ebda' leżjonijiet u, iktar minn hekk, ma ġie riskontrat l-ebda trauma sesswali la estern u lanqas intern.

38. L-appellant ma jistax ma josservax ukoll li wara li Keler suppost ġiet stuprata mill-appellant, hija ma ddejqet xejn ikollha konversazzjoni miegħu, tant illi hi stess tikkonċedi li wara li qaltlu li għandha bżonn titlaq għaliex sħabha kienu qed jistennewha, hija għaddiet sabiex tibagħlu messaġġ fuq il-pjattaforma tal-*Instagram* u dana sabiex ikun jista' jkellimha l-għada. Dan żgur ma hux aġir sinonomu ma' persuna li tkun għadha kemm ġiet abbużata sesswalment.

[4] Folio 251.

39. Fl-aħħar mill-aħħar irid jingħad li l-appellant dejjem wera li ma kellux x'jaħbi f'dan il-każ.

40. Huwa kkollabora bis-sħiħ mal-Pulziija u wieġeb għal kull domanda li kienet saret lilu kemm fl-investigazzjonijiet kondotti u anke quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

41. Pero għal xi raġuni, l-Ewwel Onorabbli Qorti tisħaq li ma nġabet ebda raġuni plawsibbli għaliex il-verżjoni tal-*parte civile* ma għandiex titwemmen u dana minkejja d-diskrepanzi kollha senjalati f'dan l-appell li, magħdudin flimkien, *do not add up* u jitfgħu dawl fermament negattiv fuq il-kredibbilita' tax-xhieda tal-*parte-civile*.

42. Kwindi, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellant bis-sħiħ jemmen li dina l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx u ma kellhiex issejjes il-ġudizzju tagħha fuq il-verżjoni tal-*parte-civile* Omissis u b'hekk, fid-dawl ta' dan, l-appellant umilment jissottometti li deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx waħda '*safe and satisfactory*';

A.1.6. **Provi ċirkostanzjali addizzjonali li jimminaw il-verżjoni ta' Omissis**

43. Apparti l-inkonsistenzi u d-diskrepanzi elenkati supra, l-appellant ma jistax ukoll ma jixħitx dawl fuq varji ċirkostanzi univoċi oħra li jkomplu jikkontradixxu il-verżjoni tal-*parte-civile*.

44. Fl-ewwel lok issir referenza għax-xhieda ta' Simona Sminova ta' nhar is-17 ta' Lulju 2023[5] li ħadet il-pedana tax-xhieda qua xhud *in difesa*. Din ix-xhud hija ħabiba tal-appellant u fil-lejl *de quo* insertat kienet qegħda ġewwa *Footloose* ukoll. Għaddiet sabiex tikkonferma li Omissis verament qattgħet il-lejl kollu fil-kumpanija tal-appellant wara d-DJ booth, filwaqt li tenniet

[5] Folio 464 *et seq.*

ukoll li hija tista' tattesta għall-fatt li l-appellant dejjem tratta lit-tfajliet "with care and love"[6] u dana għaliex l-appellant kien filfatt joħroġ ma' waħda mill-ikbar ħbieb tagħha.[7]

45. Issir referenza wkoll għax-xhieda ta' Afrad Dejan tal-istess jum *ossia* ta' nhar is-17 ta' Lulju 2023[8] li wkoll kien preżenti ġewwa *Footloose* fil-lejl konċernat. Pero' dan ix-xhud imur pass oltre minn Simona Sminova għaliex isaħħaħ il-verżjoni tal-appellant billi jikkonferma li hu stess ra lill-appellant u lil Omissis mexjin id f'id fid-direzzjoni ta' *BurgerKing*. U tant dan hu minnu li l-istess xhud jintlemaħ miexi biswit l-appellant u Keler f'wieħed mill-filmati estrapolati mill-espert tal-informatika.

46. Agħar minn hekk u iktar ċentrali mill-premess hija t-testimonjanza tax-xhud *in difesa* Albert Cassar ta' nhar il-25 ta' Jannar 2024[9] in kwantu dan jikkonferma li **propju l-għada** tal-akkadut *ossia* wara li l-Omissis suppost ġiet stuprata, hija ma ddejqet xejn terġa tmur l-istabbiliment *Footloose* għal finijiet ta' *clubbing*.

47. Dan jikkonfermah ukoll ix-xhud Aleandro Hector Posala li ħa l-pedana tax-xhieda nhar it-13 ta' Marzu 2024[10] fejn qal li f'varji ljieli wara l-akkadut huwa lemaħ lill-*parte-civile* ġewwa *Footloose*. Filfatt speċifika li raha madwar 5-6 darbiet b'kollox.

48. Bħal li kieku persuna li verament tkun ġiet abbużata *ossia* persuna li suppost sfat trawmatizzata ser terġa tmur propju fl-istess post fejn jaħdem is-suppost aggressur tagħha – l-għada tal-akkadut! Anke jekk il-*parte-civile* forsi setgħet tobsor li ma kinitx ser issib lill-appellant hemm, xorta' hija xi ħaġa minn ewl id-dinja li vittma ġenwina ta' abbuż sesswali ma terġax

[6] Folio 467.
[7] Ibid.
[8] Folio 469 *et seq.*
[9] Folio 486 *et seq.*
[10] Folio 493 *et seq.*

tiffrekwenta post li ġo fih, biss ġurnata qabel tkun ltaqgħet ma min suppost stupraha – u dana speċjalment meta l-istess Keler tipprova tpenġi din l-istampa li għamlet jumejn muġugħa bid-demm kontinwament ħiereġ mill-parti tagħha u li kienet emozzjonalment imkissra u li kellha ġġarrab trawma doppja meta marret mal-Pulizija sabiex tispjegalhom fejn kien jirrisjedi l-appellant.

49. Fl-aħħar nett, qajla tagħmel sens li persuna stuprata tibqa' ssegwi lil minn suppost ikun stupraha fuq il-mezzi soċjali. Qegħda ssir hawn referenza għat-testimonjanza tal-appellant innifsu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti[11] in kwantu jikkonferma li sa tlett ijiem wara l-akkadut, il-*parte-civile* mhux biss kienet għadha *tiffolowjah* fuq *Instagram* iżda saħansitra baqgħet issegwi l-*istories* u *status updates* tiegħu:

> "Ija filfatt gara xi haga meta tellajt xi stejjer fuq instagram, wara jumejn, tliet ijiem din it-tfajla kienet ghadha qed tiffolowjani, kienet qed tara l-stejjer kollha li kont qed nippublika u l-izjed haga li weggatni kienet li il- manager tieghi u il-kollegi tieghi u shabi qalu li 3 ijiem wara kienet qed tiehu pjacir u kienet qeghed tizfen."

50. Dawn huma kollha fatturi, li magħdudin flimkien, juru li mhux talli dak mistqarr minn Omissis ma għandux mis-sewwa iżda bil-kontra dak mistqarr minnha huwa ferm dubjuż u mgħobbi b'inkonsistenzi inspjegabbli. Fatturi li sfortuntament ftit li xejn ingħataw attenzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

51. Li hu żgur hu li l-irwol tad-difiża fi proċeduri penali huwa fl-aħħar mill-aħħar li tinnewtralizza l-"provi" mressqa mill-Prosekuzzjoni fuq bażi ta' probabbilitajiet – xi ħaġa li tenut kont dak kollu sottomess supra ċertament irnexxielha tasal għalih. Filwaqt li d-dubju dwar liema miż-żewġ ġrajjiet

[11] Folio 441 *et seq.*

kontrastanti għandha mis-sewwa tibqa' hemm, il-massima legali "in dubio pro reo' tgħallimna li tali dubju, purche huwa wieħed dettat mir-raġuni, jimmilita favur minn ikun akkużat.

52. Fid-dawl tas-su espost, l-appellant jinsab konvint li huwa kien iktar kredibbli fil-verżjoni tiegħu u umilment jemmen li l-verżjoni ta' *parte civile* Omissis la għandha mis-sewwa, la hija waħda konsistenti u lanqas hija msahha minn provi korroborattivi – karatteristiċi illi jemerġu mill-artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan apparti l-fatt li kif ġie muri u *in linea* mal-istess artikolu 637, il-verżjoni tal-esponenti ġiet imsaħħa u konfortata bid-deposizzjoni ta' xiehda oħra, ossia ta' Simona Sminova, Afrad Dejan, Albert Cassar, Riccardo Mel u Aleandro Hector Posala.

53. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, senjatament fid-dawl tal-inkonsistenzi kollha li jemerġu mix-xhieda tal-*parte civile* Omissis, l-esponenti jemmen bis-sħiħ li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt b'serħan il-moħħ issejjes il-ġudizzju tagħha fuq il-verzjoni tal-istess *parte-civile* stante li din il-verżjoni ma hix waħda attendibbli u verosimili.

B. **<u>Dwar il-Piena Erogata</u>**

54. Strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti, hija l-umli fehma tal-appellant li l-piena ta' sitt snin (6) priġunerija effettiva hija waħda oneruża u timmerita temperament tenut kont numru ta' fatturi mitiganti li l-appellant ser jinoltra fuqu fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fis-seduta tal-10 ta' Settembru, 2024.

Rat illi permezz ta' digriet taghha tal-14 ta' Novembru, 2024, din il-Qorti laqghet it-talba tal-appellant sabiex tixhed l-ex-siehba tieghu Ina Luisa Boesler.

Rat ix-xhieda ta' Ina Luisa Boesler tas-16 ta' Jannar, 2025.

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar l-24 t' April 2025.

Ikkunsidrat,

**L-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti tal-Appell u mhux Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Julian Genovese**:[12] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment*

[12] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[13]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[14]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[15]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[16]" [31.5.1991] u oħrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża "**R. v. Cooper**[17]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[18]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, dment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant

---

[13] Deciż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[14] Deciż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[15] Deciż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[16] Deciż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[17] 1969] 1 QB 276.
[18] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.

jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,</u>**[19] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***<u>tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza</u>ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **<u>oltre kull</u>**

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

**dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[20] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[21]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt*

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[21] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

> *jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[22] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[23] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [24] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[23] 1997 Edition Para 10-3.
[24] 1952.

*elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[25]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[26]

---

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[26] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika

Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[27] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa x-xhieda li ngieghbu quddiem l-Ewwel Qorti.

**L-Ispettur John Spiteri**[28] xehed nhar is-27 t' Ottubru, 2021 fejn esebixxa id-DVD kontenenti bl-istqarrija li rrilaxxa l-appellant. Hu gharaf ukoll lill-appellant quddiem l-ewwel Qorti. Spjega kif gew elevati c-cellulari tal-appellant u l-allegata vittma u li dawn kienu jinsabu fil-pussess tal-espert Keith Cutajar li kien mahtur mill-Magistrat Inkwerenti.

---

ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[27] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

[28] Fol. 26A et seq tal-process.

L-Ispettur John Spiteri[29] rega' xehed nhar il-11 ta' Jannar, 2023 fejn qal illi nhar il-11 t' Ottubru, 2021 kien infurmat mill-ghassa ta' San Giljan li kien hemm tfajla ta' dsatax (19) -il sena li kienet irrapurtat illi allegatament giet stuprata minn DJ li jahdem gewwa Footloose. Hu kien infurmat illi dan l-allegat abbuz kien sar bejn il-lejl tad-9 u l-10 t' Ottubru u cioe' il-jum ta' qabel sar ir-rapport. Hu kien mar l-ghassa ta' San Giljan u akkumpanja lill-vittma Mater Dei ghaliex kienu nhatru l-esperti medici sabiex jaghmlu ezaminazzjoni forensika fuq il-vittma. Din tal-ahhar kienet qaltlu li kienet qed tistudja hawn Malta u gili kienet tiffrekwenta Footloose, fejn kien jahdem l-appellant. Kienu anke skambjaw xi messaggi fuq il-media socjali. Dakinhar tal-allegat abbuz Omissis qaltlu li kienet tkellmet mal-appellant, hadu drink flimkien u dan waqt li hu kien xoghol. L-appellant qal lil Omissis sabiex tassistih sabiex jiehu l-oggetti tad-*djing* gewwa daru u cioe' fl-appartament bin-numru 17 gewwa Seaview Apartments fi Triq San Gorg. Omissis qaltlu li hija kienet marret f'din ir-residenza izda ma kellha l-ebda hsieb li taghmel xi affarijiet sesswali mal-appellant. Madankollu, dan tal-ahhar kien ghamel avvanzi sesswali fuqha u anke ppenetraha minghajr il-kunsens taghha. Omissis spjegat illi meta l-appellant beda jippenetraha b'mod vaginali, hija qaltlu sabiex jieqaf diversi drabi, pero' dan ma tahix widen u meta gieta l-opportunita' qamet u harget mir-residenza. X'hin harget mill-appartament kien hemm grupp ta' shabha li bdew jistennewha tohrog ghaliex kienu qed jigu skambjati xi messaggi u telefonati sabiex jaraw fejn kienet Omissis. Qal li kien tkellem ma madwar sitt tfajliet u li kollha kienu qalu li meta Omissis harget minn Seaview Apartments kienet ippanikjata, bdiet tibki u qaltilhom li kienet giet stuprata. Meta marret id-dar, Omissis setghet tinnota xi demm ukoll hiereg mill-parti privata taghha. L-ghada hija kienet cemplet lill-familjari taghha u sussegwentament nizel missierha mill-Olanda u rrapurtat dan l-akkadut. Hu kien gie mgharraf li kien gie arrestat l-appellant li hu gharaf quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

In kontro-ezami jghid illi Omissis kienet bdiet r-rapport l-ghassa ta' San Giljan u ghal dan hu ma kienx prezenti, izda meta bdew il-proceduri ta' kif kienet ser tigi skortata l-isptar, kienet irrakuntatlu l-istorja kollha b'mod verbali. Hu ma kienx prezenti meta

[29] Fol. 426 et seq tal-process.

Omissis irrakuntat dan kollu lill-esperti majtura fl-inkjesta. Meta hu kien prezenti u sema l-verzjoni t' Omissis, ma kienx ghadu ra jew kellu f'idejh is-CCTV footage.

**Omissis**[30] xehedet nhar is-27 t' Ottubru, 2021 fejn hija qalet li kienet giet Malta fuq internship u kienet waslet hawn nhar is-6 ta' Settembru, 2021. Hija ltaqgħet mal-appellant l-ewwel darba nhar il-25 ta' Settembru 2021 ġewwa l-istabbiliment bl-isem Footloose, Paceville fejn dan tal-ahhar kien jaħdem bħala DJ. Dakinhar hija kienet talbitu jdoqqilha diska u meta wara xi saghtejn ma daqqiex, hija kienet regghet marret tghidlu u l-appellant kien qalilha li t-talba kellha ssir fuq Instagram u hi hekk għamlet. L-appellant kien ipponta lejn ħaddejh sabiex Omissis tagħtih bewsa talli daqqilha d-diska u kienu skambjaw xi messaġġi fuq Instagram. Darba minnhom hija kienet marret Footloose regghet u hi u habiba taghha Charlotte ghamlu lejl jizfnu wara l-appellant li kien qed jahdem bhala DJ. Konversazzjonijiet mieghu ma kienx hemm. Il-habiba taghha Charlotte kienet staqsiet lil wiehed mis-*security* sabiex jibqghu hemm sa l-ahhar u johorgu wara l-folla. Dan kien accetta u hekk kienu ghamlu. Spjegat kif l-appellant kien qed jiżbarazza l-affarijiet tiegħu u għall-ħabta tat-3.10 a.m. huma ħarġu mill-istabbiliment u l-appellant mexa warajhom. Barra ltaqghu mal-hbieb taghhom. Spjegat kif l-appellant qabdilha idejha minghajr spjegazzjoni ta' xejn u hi qaltlu li riedet tistenna lil Charlotte ghax huma dejjem kienu jitilqu flimkien. Madandkollu l-appellant qalilha li ma kienx hemm bzonn ghaliex din kienet qed titkellem ma xi hadd. Qalet kif l-appellant qabadha minn idha u gibidha t-triq kollha sa l-akwata ta' Burger King. Spjegat kif fit-triq iltaqghet ma habiba taghha bl-isem ta' Noa u qaltilha bl-Olandiz kif ma ridietx tmur mal-appellant, sabiex tghinha u halli huma jibqghu wkoll bhala grupp. Hi ghalhekk qabditilha idejha u regghu marru quddiem Footloose. Fil-frattemp, l-appellant baqa' jigbidha u Noa qaltlu sabiex ihalliha bi kwieta u anke waqatilha l-pizza minn idha. Noa firditilhom anke idejhom minn ma xulxin. Tghid li hija ma kienitx taf l-appellant fejn kien ser johodha u ma staqsitux dwar dan, ghaliex hija ma riditx tmur mieghu. Spjegat kif l-appellant ma tax kaz dak li kienet qed tghidlu hi li ma riditx tmur mieghu u riedet tibqa' ma shabha u kompla jigbidha. Meta Noa, li kienet tattendi skola maghha gewwa l-Olanda, marret terga' tixtri pizza huwa rega'

[30] Fol. 28 et seq tal-process.

beda jigbidha fll-istess direzzjoni li kienu marru qabel. Tghid li hi bdiet tghidlu li ma ridietx tinfired minn ma shabha u hu u jigbida rat lill-habiba taghha Deborah fejn ghajtitilha ghall-ghajnuna izda bl-affarijiet li kienu ghaddejin fit-triq ma tafx semghatiex. Mxew ftit iehor, l-appellant taghha sabiex izommlu l-materjal tad-DJ u qalilha sabiex itellahomlu fuq u wara tkun tista' terga' tmur tiltaqa' mal-hbieb taghha. Spjegat kif l-appellant dahal minn go bieb blu hdejn il-Burger King u hija telghet tlett sulari. Waslu fejn l-appartament u hija baqghet fid-dahla tal-bieb. L-appellant qaliulha sabiex tidhol, izda hi sostniet li riedet titlaq. Ghalhekk u qalilha sabiex taghmel l-affarijiet mil-art u kif ghamlet hekk, hu ghalqa il-bieb warajha. Hu qalilha sabiex titawwal mill-gallarija u hekk ghamlet izda wara li ghamlet hekk qaltliu li jehtieg li hi titlaq. Tghid illi hu ghamlilha sinjal b'rasu u wara qabad ibusha u jmissha ,minn that id-dublett. Qalet li hija mbuttatu ftit. Qalilha sabiex tpoggi fuq is-sodda u regghet qaltlu li riedet tmur. Kienu bil-wieqfa fejn is-sodda jharsu lejn xulxin, hu ghamel pass u ghalhekk hi waqghet lura ghal fuq is-sodda. Dak il-hin hija qalet li bezghet u ppanikjat ghaliex hasset li kien ser jigri xi haga li hija ma ridietx. Tghid kif l-appellant ghollilha d-dublett, resqilha l-qalziet ta' taht u beda jmissha. Hija baqghet liebsa kollox u hassitha ffrizat. Bdiet thares lejn is-saqaf qisha bla hajja. Tghid li hija bdiet timbuttalu idejh u rasu izda hu baqa' ghaddej. Spjegat kif ghal bidu hu nizel b'rasu u beda jippenetraha b'subajh. Hija bdiet thares lejn is-saqaf u mbghad rat li kien neza ghaliex rat il-qalziet u l-qalziet ta' taht tieghu, Hu ghollilha saqajha l-fuq u ppenetraha bil-parti tieghu b'mod ahrax. Spjegat kif qaltlu diversi drabi sabiex jieqaf u meta waqafx. Tghid li ma setghet taghmel xejn u kull ma bdiet taghmel hu li bdiet thares lejn is-saqaf u halllietu jkompli. F'waqt minnhom daqqilha l-mobile bil-basket u rrejalizzat li shabha bdew jfittxuha u Noa kienet cemplitila. Hija wrietu l-mobile u qabdet il-qalziet ta'taht sabiex tilbsu izda l-appellant ried izommu ghaliex qalilha oghgbitu r-riha tieghu. Hija ma riditx u rnexxilha tiehu l-qalziet ta'taht u libsitu. Tghid li l-appellant staqsiha jekk kienux ser jergghu jaraw lil xulxin u hija dak il-hin fil-paniku qaltlu sabiex jibghatilha messagg. Hu qalilha li ma kienx jaf x'inhu isimha fuq Instagram u ghalhekk hija batitlu messagg dak il-hin bil-kelma 'hi' sabiex titla' fuq nett tac-*chat list*. Meta qabdet il-basket sabiex titlaq, hu kien ghadu mugugh u ma marx. Tghid li nizlet l-ewwel ftit turgin u griet fil-kumplament. Hija sostniet li ma kienitx li taf fejn kienet

ghalkemm l-ambjent u l-akwata kienu familjari.izda, hija kienet ixxukjata u lanqas taf fejn kienet. Shabha rawha hierga mill-appartament u staqsewha fejn kienet u kienx kollox sew. Hija nfaqghet tibki u lil shaba qaltilhom il-kelma '*rape*' bl-Olandiz. Hija tghid li kull ma riedet hu li tmur id-dar. Tghid li dan kollu sar f'madwar ghoxrin (20) minuta u minn x'hin tefaha fuq is-sodda u qabad jaghmlilha l-affarijiet tghid li ghaddew bejn hames (5) u ghaxar (10) minuti. Tghid li matul dan il-hin kollu ma kienx hemm konverzazzjoni bejniethom. Tghid li hija kienet ixxukjata u bdiet tibki u shabha bdew jibku wkoll. Sussegwentament qabdu taxi, izda hi ma setghetx tpoggi sew ghax kienet mugugha. Meta waslu l-*hostel* ingabru kollha fil-kamra taghha u bdiet tara xi demm mill-parti taghha. Tghid li hija minhabba xi medicina li tihu lanqas ma tara *period*. Tghid li hija wriet id-demm lil habiba taghha Hannah u hi flimkien ma shaba l-bniet marru jorqdu. Hija spjegat kif l-ghada filghodu qalet b'dak li kien gara lil *mentors* taghha, Stanley u Aski. Wara nofs inhar cemplet ukoll lill-genituri taghha sabiex tghidilhom b'dak kollu li kien gara u qas felhet tghidilhom u kompliet tkellimhom il-habiba taghha Deborah. Irrakuntat kif din kienet bhal holma kerha ghall-genituri taghha u missierha gie Malta it-Tnejn fejn kien qalilha sabiex jirrapurtaw bil-kaz lill-pulizija. Hija spjegat kif hi qas biss hasbet sabiex tirraporta lill-pulizija pero' missierha kien qalilha li *it's the right thing to do*. Mistoqsija meta sehh l-incident hija wiegbet li fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 t' Ottubru. Il-*mentor* taghha Stanley qalilha li l-ewwel riedet tmur l-isptar sabiex tigi ezaminata u minn hemm icemplu l-pulizija. Izda minn hemm irealizzat li s-sistema ma kienitx hekk u ghalhekk marret tirraporta fl-ghassa fejn sehh l-incident. Spjegat kif marret mal-pulizija sabiex turihom fejn kien l-appartament tal-appellant, telghet tlett sulari u meta bdew ihabbtu fuq il-bieb hija regghet nizlet lura u qalet kemm dan, gurnata biss wara l-akkadut, kien difficli ghaliha. Tghid minn hemm hija stenniet fejn l-istabbiliment Footlose u wara marret l-ghassa u xi pulizija haduha l-isptar sabiex tigi ezaminata. Tghid kif filghaxija kienet ukoll ittihditila l-verzoni/dikjarazzjoni taghha minn persuna li kienet qed tigbor l-evidenza. Mistoqsija meta l-ahhar kellmet lill-appellant hija qalet illi l-ghada filghodu u cioe' il-Hadd baghtilha *'Sorry about last night I was really drunk and I can't remember anything*.' Ftit wara batilha wkoll xi *smileys* u qalb maqsuma, madankollu hija ma wegbitux.

In kontro-ezami qalet li hija kienet giet Malta fuq *internship* ta' disa' (9) gimghat u li kien baqala bejn wiehed u iehor gimghatejn f' Malta. Spjegat li johorgu fil-*weekends* u li kienet rat lill-appellant idoqq xi darbtejn jew tlett okkazjonijiet qabel. Mistoqsija jekk hija kienitx baqghet gewwa l-club, ftit wara li ghalaq sabiex tistenna lill-appellant, hija wiegbet fin-negattiv. Mistoqsija jekk kientx ikkomunikat mal-appellant qabel l-incident mertu tal-kaz odjern, hija qalet illi dakinhar tal-incident hija kellmitu ftit, izda ma kienx hemm konversazzjoni dakinhar tal-incident. Id-difiza saqsiet rigward is-*social media* u l-messaggi u din wiegbet bic-cert li ma kienx hemm komunikazzjoni ta' dan it-tip. Hija spjegat kif go pajjiza qatt ma kienet marret go Club ghaliex kien zmien il-pandemija u qabel dan, kienet ghadha zghira wisq. Tghid li ma tafx ghal kemm l-appellant kaxkara jew ahjar '*dragged her*'. Gie suggerit lilha mid-difiza li fil-fatt l-appellant beda jisseduciha, hija wiegbet fin-negattiv. Hija sostniet illi kienet damet tghidlu li ma ridietx tmur u li riedet tibqa' ma shabha, izda hu kompla jigbidha. Tghid li idha kienet migbuda u qalet li l-appellant *'he was louring me'*. Spjegat illi kienet ilha hames sieghat tixrob u tizfen, izda meta mistoqsija kienitx fis-sakra, hija wiegbet fin-negattiv. Qalet illi hija accettat li tghinu bl-apparat u titla' fuq bil-volonta' taghha, izda dan ma ghamlitux bl-intenzjoni li ssir xi haga fl-appartament. Ikkonfermat li l-appellant uza l-forza meta ppenetraha. Spjegat kif kellha konverzazzjoni mal-appellant dwar kif kienet giet *drugged* fl-istabbiliment ta' Footloose xi ljieli qabel. Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha hija kkonfermat illi hija kienet ikkomunikat mal-appellant via Instagram xi jiem qabel l-incident. Hija gharrfet lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**<u>Noa Eleonore Ettema</u>**[31] xehedet nhar it-3 ta' Novembru, 2021 u qalet illi hija kienet ilha hawn Malta mit-3 ta' Settembru fuq *Internship* bhal ma kienet Omissis u li kienu qed jghixu flimkien. Spjegat illi hija kienet prezenti dakinhar tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri. Tghid li huma hargu bhala grupp dakinhar u marru Footloose. Fil-Club hija ma ratx lil Omissis. Tghid li meta harget u marret tixtri pizza hija habtet ma Omissis li kienet ma ragel u qaltilha bl-Olamndiz sabiex tghinha ghaliex hija ma ridietx tmur mieghu. Tghid li hija baghtet lil shabha l-ohra fuq *group chat* u qabdet id

[31] Fol. 102 et seq tal-process.

Omissis u haditha lura fejn shabha. Meta bdew mixjin, Omissis qaltilha li l-appellant rega beda jigbidha. Ghalhekk hija marret fuq l-appellant u qaltlu li Omissis ma riditx tmur mieghu, firditilhom idhom u waqatilha l-pizza. Hija qalet lil Omissis sabiex toqod mat-tfajliet l-ohra fit-triq sakemm terga' tmur tixtri pizza. Mistoqsija jekk l-appellant kienx ghadu hemm, hija wiegbet fl-affermattiv. Illi sakemm marret tixtri l-pizza u giet lura, Omissis ma kienitx hemm. Tghid li meta rat lill-appellant u lil Omissis, din tal-ahhar kienet imbezza u rat lill-appellant jigbidha min idha lejn Burger King. Spjegat kif marret fejn it-tarag fejn kienet lemhet lil Omissis u lill-appellant, mat-tfajliet l-ohra. Hija cemplet lil Omissis u l-ohrajn bdew jipprovaw ifittxuha. Omissis tfattcat ghall-habta ta' 3.40am u kien hemm paniku u hafna emozzjonijiet. Deborah qaltilha li Omissis kienet giet stuprata u ddecidew li jihudha d-dar. Spjegat li Omissis kien ixxukjata u spjegatilhom kollox meta waslu d-dar. Kienet il-habiba taghhom Deborah li rata hierga mill-bieb. Omissis kienet ixxukjata izda qaltilhom li giet stuprata f'apartament fit-tielet sular. Kompliet sabiex qaltilhom li ma ridietx tirrabja lill-appellant u li bdiet tuza l-iskuza li huma bdew ifittxuha sabiex titlaq. Tghid li l-appellant kien DJ Footloose ghax kienet ratu. Hija gharfet lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

In kontro-ezami qalet illi din ma kienitx l-ewwel darba taghha Paceville ghaliex kienet marret matul il-gimgha u anke *weekends.* Ikkonfermat illi fejn Burger King ikun hemm prezenti l-pulizija. Tghid li meta marret tixtri l-pizza hija halliet lil Omissis fil-kumpanija ta' zewgt ihbieb nisa u erba' membri irgiel. Bic-cert tghid li Deborah kienet prezenti.

**Deborah Roodbol**[32] xehedet nhar it-3 ta' Novembru, 2021 u qalet li kienet giet Malta f'Settembru ghal *internship* ta' disa' (9) gimghat. Spjegat kif taf lil Omissis billi kienu qed jistudjaw l-istess haga u kien qed jghixu fl-istess binja. Dakinhar tal-incident il-grupp mar fi Club u Omissis kienet ma tfajla ohra u giet fl-10.30. hija ratha darba f' *DJ Booth* ma certu Charlotte. F'xi 3am kulhadd beda jitlaq barra, kien hemm glieda u min beda jpacpac u min mar jixtri x'jiekol. Noa baghtet fil-*group chat* taghhom illi Omissis

[32] Fol. 120 et seq tal-process.

kienet fil-kumpanija tal-appellant immq ma ridietx tmur mieghu. Omissis kienet talbitha tghinha ghax ma ridietx tmur mal-appellant u dan beda jigbidha. Hija kienet qed titkellem ma xi hadd u sakemm  regghet harset Omissis ma kienitx hemm. Nofs il-grupp beda jfittixha u anke bdew icemplula fuq ic-cellulari taghha. F'punt minnhom hija rat lil Omissis hierga minn bieb hdejn Burger King. Hija ghajtitilha izda ma rrispondietx. Kienet dizorjentata u mxiet ghan-naha l-ohra. Spjegat kif griet lejha u Omissis qaltilha sentenza wahda u cioe' li giet stuprata. Hija haditha fejn it-tfajliet l-ohra u Omissis bdiet tkellem lilha biss. Bdiet tghidilha li qed tara id-demm u jekk hija kienitx qed tarala d-demm u anke li kienet mugugha. Huma minn hemmhekk haduha d-dar, Omissis marret sal-*bathroom* u wara rrakontatilhom x'kien gara. Bdeit taqta' nifisha hi u taghmel dan u sussegwentament marru jorqdu. L-ghada hija kkuntatjat il-mentors taghha Stanley u Aski u Omissis talbitha wkoll tkellem lill-genituri taghha ghax ma felhitx tkellimhom hi. Hija gharfet lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Meta wasslu lura d-dar huma ghaddew tazza ilma lil Omissis  u meta din tal-ahhar ikkalmat spjegat x'kien gara u cioe' kif tellghet l-apparat tal-appellant u meta dahlet fl-appartament, il-bieb ta' barra inghalaq, spiccat fuq is-sodda u wara spiccat tigri t*tarag ghal isfel.

In kontro-ezami tghid li hija rat l-ahhar lil Omissis qabel l-incident fit-triq ta' Footloose li taghti ghal Burger King. Meta regghet rat lil Omissis din kienet quddiem Burger King. Meta Omissis gibditha kienet fil-pjazza ta' Burger King  fejn kkonfermat li kien hemm prezenza tal-pulizija.

**<u>Charlotte Van Diejen</u>**[33] xehedet ukoll nhar it-3 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li kienet ilha hawn madwar tmien/disa' gimghat fuq *internship* u ltaqghet ma Omissis billi kienet tattendi l-istess skola u kienet qeghda taghmel ukoll l-istess *internship*. Kienu jghixu fl-istess blokka u jiltaqghu kuljum. Hija qalet illi Omissis kienet aggornata dwar dak li kien gara meta hija xehedet fil-Qorti. Spjegat illi hi kienet prezenti dakinhar tal-incident. Tghid li marru Footloose ghal habta ta' 9.00 u Omissis waslet xi 10.30. Qalet li zifnu, semghu il-muzika u xorbu. Hi u Omissis marru jghidu 'hi' lid-DJ billi din tal-

[33] Fol. 133 et seq tal-process.

ahhar kienet diga' tafu u qaghdu hemmhekk lejl shih. Spjegat li xi 3.00 meta Footloose beda jaghlaq huma iddecidew li jistennew ftit sakemm johorgu l-maggoranza tan-nies ghax kien vera ffullat. Hi harget flimkien ma Omissis minn Footloose izda mbghad ma ratiex iktar. Hija regghet rat lil Omissis xi nofs siegha wara meta regghet inaqdet mal-grupp. Kienet tinsab imbikkma, ippanikjata u ma felhitx titkellem. Hija qaltilhom biss li kienet giet stuprata u ma seta' johrog xejn iktar minn halqha. Fil-verita' hija semghet b'li kien gara minghand Bobby u kulhadd kien ippanikjat u beda jibki. Hi kienet qaltilhom sabiex imorru d-dar. Hija spjegat kif qabdu taxi, marru l-Campus u wara li marret fil-kamra taghha Omissis imbghad spjegatilhom x'kien gara. Qalet li kienu rcivew messagg minghand Noa dwar il-fatt li Omissis kienet mad-DJ u ma ridietx tmur mieghu, izda dan il-messagg hija ratu wara. Tghid li meta hargu hija ma ratx lid-DJ. Hija gharrfet lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

In kontro-ezami qalet li hija ghandha relazzjoni tajba ma Omissis, kienu jiltaqghu kuljum u anke jieklu flimkien filghaxija. Hija qalet li precedentament Omissis kienet bieset lid-DJ. Omissis kienet qaltilha li ma kelliex intenzjoni tbusu izda '*it has just happened*'. Il-hamis ta' qabel Omissis kienet qaltilha li kienet *drugged* gewwa Footloose, izda hi ma kienitx prezenti.

**<u>Janna Broeken</u>**[34] xehedet nhar it-3 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li kienet qeghda Malta fuq *Internship* ta' disa' (9) xhur u li kienet ilha hawn ghal madwar disa' (9)/tmien (8) gimghat. Hija saret taf lil Omissis hawn Malta u saret ir-*roommate* taghha. Tghid illi dakinhar tal-incident hija kienet fil-kantuniera ta' Burger King fejn kienet iltaqghet ma ragel u ghalhekk ma nnutatx b'li kien qed jigri sakemm marru jghidulha. Tiftakar li rat lil Omissis tibki xi hadd kien qalilha u hi baqghet izommha ma sidirha sakemm waslu d-dar. Hija bdiet taghmel hekk ghax Omissis bdiet tirtrieghed. Spjegat li dakinhar gewwa Footloose Omissis kienet qed tizfen hdejn id-DJ Booth ma Charlotte. Sussegwentament hija mbghad rat lil Omissis fejn Burger King meta bdiet tibki. Hija kienet qaltilha li kienet mugugha u jekk kienx hemm demm ma saqajha. Huma ma bdewx ihossuhom sikuri, bdew jahsbu li l-appellant jerga' jigi u hasbu li l-

[34] Fol. 145 et seq tal-process.

ahjar li jmorru d-dar. Omissis dahlet fil-kamra tal-banju u bdiet tibki, ghalhekk hija dahlet fuqha u ratilha d-demm fuq il-qalziet ta' taht. Omissis urieta it-toilet paper li wkoll kien bid-demm u ghalhekk hija taghta *sanitary towel*. Omissis kienet qaltilha li kienet tinsab mugugha hafna. Hija ndikat lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti bhala d-DJ u dik il-persuna li  qalulha li kien ghamel hekk lil Omissis.

In kontro-ezami tghid li l-hbieberija taghha ma tjibet hafna f'dawk il-gimghat. Hija qalet li taf li kien gara xi haga lill-Omissis qabel l-incident izda mhux Malta, f'sens li '*guys are not always that nice to us*'. Mistoqsija mid-difiza '*You gathered that it was, she was recounted another sexual violationin her regards?*' hija wiegbet bil-kliem '*I believe*'. Dan l-incident hija taf li kien sar xi ftit snin qabel.

**Bobbi Hudepohl**[35] xehedet nhar it-3 ta' Novembru, 2021 fejn qalet illi kienet ilha hawn Malta ghal madwar tmien gimghat u nofs u kienet hawn fuq internship. Tghid li dakinhar tal-incident mertu ta' dawn il-proceduri huma kienu Footloose u Omissis giet xi saghtejn warajhom. Hija regghet rat lil Omissis wara x'hin harget mill-bieb tal-apartament tal-appellant, fejn din tal-ahhar kienet ixxukjata, imdejqa u bdiet tibki. Hija qaltilha li kienet giet stuprata mid-DJ ta' Footloose. Dak il-hin ibbukjaw taxi u marru lejn id-dar. Tghid li Omissis anke sahansitra kien hemm demm ma kullimkien, minkejja li dan ma ratux b'ghajnejha. Hija ndikat lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Hija tghid li ma ghandiex idea x'sar mill-hwejjeg t'Omissis u jekk xi hadd ipprovax jippreservahom. Spjegat kif kienet Janna, il-habiba taghhom li kienet rat id-demm t' Omissis. Qalet ukoll kif Omissis kienet qaltilhom li kienet giet *drugged* gewwa Footloose jumejn jew tlett ijiem qabel l-incident. Omissis kienet qalet b'dan kollu lid-DJ u hi taf ghaliex kienet qaltilha l-istess Omissis.

**Yussif Lewis**[36] xehed nhar it-3 ta' Novembru, 2021 fejn qal li hu kien jikri appartament bl-address Seavie Apartment, Flat 17, Triq San Gorg San Giljan. Huwa kien jikri kamra minn go dan l-appartament lill-appellllant.

[35] Fol. 155 et seq tal-process.
[36] Fol. 164 et seq tal-process.

**PS 430 Andrew St John**[37] xehed nhar it-2 ta' Dicembru, 2021 fejn spjega illi nhar il-11 t' Ottubru, 2021 kien xoghol u marret Omissis, tfajla Olandiza ta' dsatax (19)-il sena tirraporta illi kienet giet stuprata. Huwa beda bl-investigazzjonijiet fejn gie stabbilit illi l-att sehh tul il-lejl bejn id-9 u l-10 t' Ottubru ghall-habta ta' bejn it-3.15am u 3.40am. Omissis kienet akkumpanjatha minn missierha li kien gie Malta apposta, infatti kienet wahda mir-ragunijiet ghaliex ma ghamlitx rapprt mill-ewwel. Omissis spjegatlu kif f'dak il-lejl hija harget ma hbieb taghha Olandizi u marru Footloose. Hija qaltlu li kienet taf lid-DJ u kienet ga kkomunikat mieghu via Instagram. Dakinhar xi 3.15am meta Omissis harget minn Footloose bdiet titkellem ma dan id-DJ fejn kien qalilha sabiex tassistih biex igorr xi affarijiet. Omissis irrifjutat izda hu kien qalilha li kien joqghod vicin hafna. Tant baqa' jinsisti li hin minnhom anke qabadha minn spallitha u qalilha li kull ma ried li hi tghinu jgorr l-affarijiet sal-bieb. Fl-ahhar hija accettat, u mxiet warajh sakemm l-appellant fetah bieb ta' komun t'appartamenti hdejn Burger King u telghet xi sulari sal-bieb tal-flat bin-numru 17. L-appellant fetah il-bieb u hija baqghet barra bil-basktijiet u minn hawn u minn hemm hu kkonvinciha sabiex tidhol gewwa. Kif Omissis dahlet gewwa, l-appellant ghalaq il-bieb warajha u talabha sabiex il-basktijiet tnizzilhom fil-kamra tieghu. Il-kamra kienet faccata tal-bieb ta' barra u fiha gallarija ghal barra. Meta nizzlet il-basktijiet, l-appellant dar ghal fuqha u beda jmissha, ghollilha d-dublett, nizlilha l-qalziet ta' taht u ppenetraha minghajr protezzjoni. Hu spjega kif mar flimkien ma PC 1221 sabiex jarressta lill-appellant. Omissis marret turihom fejn kien l-appartament u l-bieb u wkoll uriethom ritratt ta' wiccu minn fuq Instagram. Qal li marru u habtu diversi drabi sakemm fl-ahhar infetah il-bieb mill-appellant li gharaf quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Hu kien tah il-*caution* u ghazel li ma jewgibx. Talab lill-appellant jurih il-kamra tieghu u d-deskrizzjoni kienet taqbel ma dak li kienet qaltlu Omissis. Din tal-ahhar qaltlu wkoll li l-appellant kien baghat messagg minn fuq il-mobile taghha lilu nnifsu sabiex ikun jista' jarafha fuq Instagram. Il-messagg kien bil-kelma 'hi' u li kien intbaghat xi 3.38am. Iktar tard wara nofs inhar l-appellant batilha '*hey, sorry for last night, don't know what happened., I was so drunk and I don't remember anything*'.

[37] Fol. 187 et seq tal-process.

In kontro-ezami hu kkonferma li Omissis kienet urietu l-messaggi hi mill-mobile taghha. Mistoqsi kif Omissis ghamlet *unlock* il-mobile, huwa wiegeb li ma jiftakarx. Izda qal li kien specifikament saqsiha jekk taghmilx password u Omissis qisha bdiet iddur maghha ghax kienet konfuza u bdiet tidejjaq hafna minn missierha. Huwa qal li kien innotta l-fatt kif hi kienet qaltlu li qabel kienet ikkomunikat mal-appellant fuq Instagram u mbghad qaltlu li l-appellant jista' jkun li baghat dik il-'hi' sabiex jistabilixxi Instagram taghha u dan hu raha stramba.

**PC 1221 Noel Mifsud**[38] xehed nhar it-2 ta' Dicembru, 2021 fejn qal illi nhar il-11 t' Ottubru kien xoghol l-ghassa San Giljan u gie mghoti struzzjonijiet mis-Surgent sabiex jigbru persuna maskili dwar allegat stupru. L-allegata vittma marret turihom il-post fejn kien gara l-istupru. Hu spjega li habtu fuq il-bieb u tfacca ragel Kolumbjan u kkonfermaw li kien l-istess persuna ndikat mill-vittma. L-appellant inghata l-*caution* u gewwa l-ghassa mbghad inghata l-itta tad-drittijiet. Hu gharaf l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**L-Ispettur Brian Xuereb**[39] xehed nhar is-16 ta' Dicembru, 2021 fejn spjega illi nhar il-11 t' Ottubru, 2021 ghall-habta tal-4.15/30pm, is-Surgent kien qallu li kienet giet persuna li allegat li kienet giet stuprata l-lejl ta' qabel. Mill-ewwel investigazzjonijiet irrizulta li din il-persuna kienet giet allegatament stuprata mid-DJ ta' Footloose. Hu kellem lil Omissis ftit u wrietu l-messagg fuq Instagram li kien baghtilha l-appellant fejn skuza ruhu ghal dak li kien gara l-lejl ta' qabel. Minn hemmhekk hu nforma s-Surgent sabiex imorru fuq il-post sabiex l-appellant jigi arrestat. Hu nfurma l-Magistrat tal-Ghassa u kienu nhatru xi esperti. Hu kien informa lill-Ispettur Spiteri tal-Vice Squad ukoll dwar dan il-kaz.

**Dr Katya Vassallo**[40] xehedet nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn prezentat it-traskrizzjoni tal-istqarrija tal-appellant li ttihdet nhar il-11 t' Ottubru, 2021.

[38] Fol. 208 et seq tal-process.
[39] Fol. 213 et seq tal-process.
[40] Fol. 222 et seq tal-process.

L-appellant stqarr illi twieled il-Kolombja izda minn ta' (9) snin trabba l-Italja u ghad ghandu l-familja tghix hemm. Spjega kif l-ewwel darba li kien gie Malta kien fis-sena 2015 u gie diversi drabi sabiex jitghallem l-Ingliz u ghax joghgbu l-pajjiz. Fil-prezent qal li kien qed jahdem bhala DJ gewwa Footloose u l-ahhar li hadem kien is-Sibt ta' qabel u cioe' l-lejl ta' bejn id-9 u l-10 t' Ottubru. Bhala appart tad-DJ, hu qal li hu kien jihdu mieghu fuq il-post. Mistoqsi fejn kien qed joqghod huwa wiegeb li kien qed jikri kamra f'appartament biswit Burger King. Muri mobile li kien gie elevat mill-pulizija huwa qal li dan kien jappartjeni lilu u ma kellu xejn x'jahbi u ghalhekk setgha jaqsam il-*passcode* maghhom. Jghid li juza l-media socjali fosthom il-pjattaforma t' Instagram. Mistoqsi jafx lil parti leza wiegeb fl-affermattiv u ddiskreviha bhala tipika Olandiza. Qal li din kienet tiffrekwenta hafna l-post fejn kien jahdem u kienet issaqsih sabiex idoqqilha diski Olandizi. Hu kien jaf li l-parti leza kienet qeghda Malta ghal ftit zmien ghaliex kienet qaltlu hi stess li qeghda hawn fuq *internship*. Jghid li meta kienu jigu jitolbuh idoqq xi diski, hu kien jghidilhom sabiex jaghmlulu *follow* fuq Instagram l-ewwel u hekk huma kienu jkunu kuntenti bid-diski u hu bil-*followers*. Hu jghid li kkomunika m' Omissis fuq Instagram imma ma jiftakarax min beda l-komunikazzjoni u kemm kienet frekwenti ghaliex hu jitkellem ma hafna nies. Is-Sibt 9 t'Ottubru, hu beda jahdem f'8pm sa xi 2.45/50am, li hu zgur li kien qabel it-3.00am. Jghid li kienet serata normali fejn daqq il-muzika u ra li n-nies bdew jiehdu gost. Hu spjega li dak inhar Omissis fl-ahhar tas-serata qaghdet ma genbu hin kollu flimkien ma habiba taghha. Hu tkellem ma Omissis u anke zifnu flimkien, u dan ma kienx l-ewwel darba li ghamlu hekk. Omissis kienet qaltlu li jiddispjaciha li ma kienitx ratu l-gimgha ta'qabel izda kienu draggjawha go stabbiliment iehor. Hu spjega li kien xoghol u allura ma setax joqghod jitkellem maghha izda qalilha li kien iddispjacih u li l-gurnata ta' qabel jew il-Hadd hu kien baghtilha messagg jghidilha li ddispjacih ghal li kien gralha. Spjega li dakinhar hu xorob zewg tazzi nbid u ma kienx fis-sakra. Sussegwentament kellhom imorru jiehdu pizza u habiba taghha li kienet f'sakra kbira riedet tohodha Footloose meta dan kien maghluq. X'hin marru lura din l-istess habiba sparixxiet. Hu flimkien m'Omissis marru fid-dar tieghu u ghamlu s-sess flimkien. Hu jghid li l-affarijiet tad-DJ kienu mieghu u garrhom hu peress li huma kemm xejn

delikati ma jafdahomx f'idejn haddiehor. Wara li ghamlu s-sess tkellmu xi zewg minuti hdejn il-bieb u qaltlu li dak il-hin kien qed icemplula l-hbieb u li mbghad jiltaqghu l-gimgha ta' wara. Spjega kif Omissis kienet trankwilla u ma bdietx tibki. Hu nnegga li din f'xi hin waqqfitu ghaliex kieku kien jieqaf mill-ewwel. Qal li kollox sar b'mod spontanju, hu nehhilha l-qalziet ta' taht u hi gholliet id-dublett. Hi kienet qaltlu sabiex ma jaghmilx sess daqshekk b'sahhtu w jaghmlu iktar bil-mod. Fir-rigward il-messagg li kien baghtilha l-ghada jghid li dan kien dwar dak li Omissis kienet irrakuntatlu li gralha l-gimgha ta' qabel u li kien iddispjacih. Hi ma kienitx wegbitu ghal dan. Mistoqsi Omissis kienitx fis-sakra, hu wiegeb li kienet tajba. Mistoqsi wkoll kemm damet ghandu jghid madwar ghoxrin jew hamsa u ghoxrin minuta. Waqt li kienet mieghu, hu ma rahix taqbad ic-cellulari. Izda meta lestew hi qabdet ic-celulari u anke hu. Habiba taghha kienet batitlu biex tara Omissis kienitx tinsab mieghu u wegibha fl-affermattiv u li kienet sejra hdejhom. B'referenza ghall-messagg li kien baghtilha l-ghada u cioe' : '*Hey sorry for last night, don't know what happened, I was so drunk that I don't remember anything*' hu spjega li ma ddispjacihx ghall-fatt li kienu fimkien hu u Omissis, izda kien iddispjacut ghal dak li kien gralha. Rinfaccat bil-fatt li fil-messagg hemm referenza specifika ghal-lejl ta' qabel u mhux il-gimgha ta' qabel, hu qal li seta' specifika ahjar. Jsostni li ma kienx fis-sakra izda dak kien il-messagg li baghat hu. L-idea li jkollhom x'jaqsmu flimkien kienet tieghu u hi accettat. Spjega li minn Footloose sa l-appartament huma zammu idejn xulxin. Ikkonferma li ma libisx kontracettiv dak inhar li mar m'Omissis u qal li din tal-ahhar ma talbitux jilbes wiehed. Hu jghid li ma kienx hemm rezistenza min-naha t' Omissis u hija kompliet mieghu hin kollu. Huwa qal ukoll li egakula gewwa Omissis u hi dan kienet tafu. Hu sostna li s-sess kien wiehed konsenswali u li kieku ma ridietx tidhol fl-appartament setghet tattira l-attenzjoni tal-pulizija li vera kienu jinsabu vicin u anke meta kienu fl-appartament stess jekk kienet titlob ghall-ghajjut kienet ser tinstema.

**<u>Dr Mario Scerri</u>**[41] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn qal dak li qaltlu Omissis u li meta din giet ezaminata ma kellhiex sinjali ta' vjolenza, tbengil jew lezjonijiet ohra. L-

[41] Fol. 250 et seq tal-process.

ezami fil-parti privata taghha sar minnu u minn Dr Helga Consiglio u dawn ma sabux evidenza ta' trauma kwindi ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata.

**Dr Helga Consiglio**[42] xehedet nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn xehedet illi hija kienet giet mahtura bhala espert tal-Qorti u nhar il-11 t' Ottubru f'9.30pm hija ezaminat lil Omissis li kienet diga nhaslet u haslet sninha darbtejn wara l-incident. Spjegat illi mill-ezaminazzjoni ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza, grif jew demm. Kien hemm tisfija bajda li dehret normali u hadet xi kampjun minnha sabiex jigi determinat kienx hemm xi prezenza ta' sperma.

In kontro-ezami giet mistoqsija rigward id-demm li rat Omissis. Hija qalet li Omissis kienet tinsab fuq tip ta' kontracettiv u ghalhekk ma tarax demm tal-*period*. Spjegat illi meta persuna tkun fuq kontracettiv ta' l-istess tip li kellha Omissis, wara li taghmel is-sess tara ftit demm, mhux necessarjament rizultat ta' trauma izda jkun gej mill-utru, xi haga normali. Id-demm li rat Omissis ma kienx dovut ghal-lezjonijiet, ma kienx hemm xi haga friska bhal tbengil jew grif. Bhala fatt tghid illi ma kelliex quddiem ghajnejha kemm kien ilu li sar l-allegat kaz.

**Dr Marisa Cassar**[43] xehedet nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn irritornat l-ezebiti li hija analizzat flimkien mar-rapport. Il-kampjuni t'Omissis ma kellhomx DNA ta' ragel maghhom. Il-qalziet ta' taht kien pozittiv ghall-prezenza t'*acid phosphate* u kien hareg profil genetiku ta' ragel li jaqbel ma tal-appellant. L-istess prezenza tal-appellant kien hemm fuq lizar orangju/*peach* li kien gie elevat mill-appartament tal-istess appellant. Fuq il-lizar ma kienx hemm DNA li kien jaqbel mal-vittma. In kontro-ezami tghid li ma sarx analizi ghad-demm.

**Keith Cutajar**[44] xehed nhar it-3 ta' Marzu, 2022 fejn spejga li kien mahtur mill-Magistrat Inkwerenti sabiex isiru xi *extractions* u *stills* ta' CCTV *footages* u anke xoghol

[42] Fol. 272 et seq tal-process.
[43] Fol. 279 et seq tal-process.
[44] Fol. 315 et seq tal-process.

ta' mobile. Dwar il-filmat jghid li dan juri l-appellant hiereg minn Footloose u juri diversi angoli differenti ta' l-istess xena. Fir-rigward tac-cellulari jghid li dan kien iswed tat-tip Huawei u l-*unlocking* tieghu tista' ssir fil-Germanja. Fil-mobile kienu nstabu *zewg sim cards*, wahda barranija u wahda tal-Epic. Min-naha tal-vittma, hu kien ghamel cloud extraction mill-Instagram taghha fejn juru numru ta' korrispondenzi li kienu qed isiru mill-partijiet.

Keith Cutajar[45] rega' xehed nhar il-25 t' Ottubru, 2022 fejn xehed li giet moghtija l-password tac-cellulari u ghalhekk huwa ghamel analizi tal-istess cellulari u kien qed jipprezenta rapport.

**Emerson Vella**[46] xehed nhar il-5 ta' Lulju, 2022 fejn qal li hu kien gie mahtur bhala espert mill-Qorti Inkwerenti sabiex jiehu xi ritratti gewwa l-appartament tal-appellant.

**Marilyn Lauria Marmara**[47] xehedet nhar l-1 ta' Dicembru, 2022 fejn ipprezentat il-proces verbal li ghandu x'jaqsam ma' dan il-kaz.

L-appellant **Henry Alonso Cano Rojas**[48] xehed nhar it-8 ta' Gunju, 2023 fejn spjega li kien gie l-ewwel darba Malta fis-sena 2015 u minn dakinhar baqa' jigi sabiex jahdem u anke sabiex jitghallem l-Ingliz. Fis-sena 2021 kien qed jahdem Footloose u dwar Omissis jghid li kien iltaqa' maghha ghadd ta' drabi gewwa Footloose u tkellmu kemm wicc im'wicc u anke fuq Instagram. Jghid li kien ilu jkellimha minn madwar tlett gimghat qabel l-allegat akkadut u ltaqghu madwar sitt/seba' darbiet. Dakinhar tad-9 t' Ottubru Omissis marret Footloose ma habiba taghha u staqsietu jekk setghetx toqod hdejh. Prezenti kien hemm ukoll zewgt ihbieb tieghu Simona u Efraim. Matul dan il-lejl hu bies lil Omissis, zifnu flimkien u anke tkellmu fuq dak li kien gara gurnata qabel. Spjega illi l-konnesjoni taghhom kienet b'sahhitha u li anke hin

[45] Fol. 397 et seq tal-process.
[46] Fol. 380 et seq tal-process.
[47] Fol. 420 et seq tal-process.
[48] Fol. 441 et seq tal-process.

minnhom halla xi naqa' l-muzika sabiex jiffoka fuqha. Hija kienet qaltlu li l-lejl ta' qabel kienet giet *drugged* u hu staghgeb b'dan il-fatt. Dakinhar tal-akkadut kien xoghol mid-9pm sa 3am u minn sitt sieghat, Omissis ghamlet hames sieghat hdejh. Huwa kien staqsa lil Omissis ridietx tistennih u tmur lura d-dar mieghu u din qaltlu iva. Spjega kif hargu flimkien u qaghadu fil-bvicca ta' quddiem id-diskoteka ghaliex riedet tara fejn kienu xi hbieb taghha. Minn hemmhekk imxew ghad-dar tieghu li kienet vicin, izda ltaqghu am tfajla li kienet f'sakra sew u kellha pizza f'idha. Din kienet habiba t' Omissis u hu qalilha sabiex ma jhalluwiex hemm wahedha. Omissis qaltilha sabiex tmur fejn il-grupp izda din ma marritx u ghalhekk haduha lura hdejn il-grupp. Kien hemm il-habib tieghu Efrahim li f'dik l-sistanza kellmu ftit u wara hu u Omissis regghu mxew lejn id-dar. Hu zamm il-basktijiet li fihom kellu affarijiet tad-Djing u mxew b'mod romantiku id f'id. Il-basktijiet tieghu kienu dejjem ghandu u telghu t-tarag flimkien. Spjega kif hargu fil-gallarija u bdew jitbewwsu, imbghad dahlu gewwa u komplew jitbewsu u gew intimi flimkien, u ghamel ukoll sess orali fuqha. Qal li Omissis bdiet tiehu gost bil-mod ta' kif bdiet tirejagixxi. Hu nizlilha l-qalziet ta' taht u ghamlu sess minghajr protezzjoni ghaliex Omissis kienet tihu xi pinolla ghall-protezzjoni. Omissis irceviet telefonata u qaltlu li kellha titlaq u meta staqsiha meta kienu ser jergghu jiltaqghu, hija qaltlu l-gimgha d-diehla. Meta telqet, ftit wara hija baghtitlu messagg bil-kelma 'bye'. Hu nnega li dan il-messagg baghtu hu. Qal li hu baghat messagg il-gurnata ta' wara ghax ried jerga' jiltaqa' maghha. Hu kien iddispjacut dwar dak li Omissis kienet qaltlu u cioe' li kienet giet *drugged*. Dak il-hin li qaltlu ma setax jaghtiha l-attenzjoni kif xtaq minhabba l-muzika. Meta wasslu l-appartament ma tkellmux dwar dan ghaliex bdew bl-intimita mill-ewwel. Hija telqet b'mod trankwill, ghamlu sinjal ta' qalb lil xulxin u telqet. Huwa tenna li ma jafx ghaliex Omissis ghamlitlu hekk. Huwa rrakonta kif sa tlett ijiem wara Omissis kienet ghadha *follower* tieghu fuq Instagram u qed issegwi dak li beda jtella' hu. In oltre, l-iktar haga li weggatu kienet li tlett ijiem wara, l-kollegi tieghu rawha tiehu pjacir u tizfen Footloose.

In kontro-ezami huwa kkonferma li dakinhar huwa bies lil Omissis qabel ma marru fl-appartament. Rinfaccat bil-fatt illi ma hemmx messagg bil-kelma 'bye' izda messagg

li jgib il-hin tas-1.40am bil-kelma 'hi' li Omissis baghtet lilu huwa jghid li kien qed jirreferi ghall-istess messagg. Qal li dan l-ewwel messagg kien intbghat meta Omissis telqet. Madankollu hu kkonferma li footloose ghalaq fi 3am u huma waslu ghandu xi 3.10am. Dwar il-messagg li hu kien baghat lil Omissis l-ghada filghodu hu qal li xi kultant nghidu li nkunu fis-sakra meta fil-verita' ma nkunux u li l-messagg tieghu kien qed jirreferi ghal gurnata ta' qabel meta kienu druggjaw lil Omissis u peress li kienu fid-diskoteka u anke l-Ingliz tieghu mhux tajjeb hafna, ma setghux jikkomunikaw ahjar minn hekk. Suggerit lilu mill-prosekuzzjoni li kien baghat dan il-messagg ghax kien thanzer m' Omissis, huwa ma qabilx anzi qal li dak il-lejl kien sabih u Omissis kienet kuntenta. Jghid li hija itwal minnu u iktar b'sahhitha minnu w jekk timbuttah se tbeghdu minnha. Jghid li ma kien hemm l-ebda basket t' Omissis u li meta nehhilha l-qalziet ta' taht hija gholliet il-warrani. Jghid li hu ma rahiex tibghat il-messagg lilu meta kienet ghadha fir-residenza tieghu u ghalhekk il-messagg intbghat wara.

**<u>Simona Sminova</u>**[49] xahedet nhar is-17 ta' Lulju, 2023 fejn qalet illi kienet ilha tghix Malta sa mis-sena 2018. Taf lill-appellant ghax huwa habib vicin taghha li ilha taf ghal madwar hames snin. Tghid li huwa ragel tajjeb, qalbu tajba u li ma tista' tghid xejn hazin fuqu. Tghid li dakinhar tal-allegat akkadut hi kienet ma habib taghhom certu Efrahim wara l-appellant, wara d-DJ stand ghal-lejl shih. Tghid li hi u l-habib taghha kienu fuq naha tal-appellant u Omissis u sehbitha fuq in-naha l-ohra. Hi rat lil Omissis vicin tal-appellant u kien hemm *soft touches*, bews u *good vibes.* Tghid li hi baqghet hemm sakemm ghalaq Footloose u xi 3am kienet id-dar. Meta telqet, Omissis kienet ghadha gewwa Footloose. Tghid li kienet tiffrekwenta Footloose ghaliex l-appellant kien idoqq hemm, allura kull meta kienet tkun franka kienet tmur. Tghid li hija kienet tahdem bhala *fraud analyst* ma' kumpanija tal-*gaming* u Afrahim kien jahdem ma skola tal-Ingliz u kien igib l-istudenti Footloose. Tghid li hija taf diversi tfajliet li kien ikun maghhom l-appellant u anke ex-tfajliet tieghu. Habiba vicina taghha kienet tohrog mal-appellant ukoll, izda din ma baqghetx tghix Malta. Ziedet tghid li l-appellant

[49] Fol. 464 et seq tal-process.

dejjem stma lil dawn in-nisa sew u b'imhabba. Tghid li hija ma kienitx taf lil Omissis personalment.

**Afrad Dejan**[50] xehed nhar is-17 ta' Lulju, 2023 fejn qal li jaf lill-appellant u ltaqa' mieghu hames snin qabel gewwa Footloose. Dwar Omissis jghid li jaf min hi izda ma kienx jaf isimha. Jghid li Omissis kienet tiffrekwenta Footloose u hu kien jiltaqa' maghha ghaliex kien jiehu l-istudenti hemmhekk. Hu spjega kif Omissis kienet *tiflirtja* u kif dakinhar tal-akkadut bdiet hin kollu gejja u sejra minn fejn shabha ghad-DJ *booth*. Hu ra lill-appellant u lil Omissis imissu u jharsu lejn xulxin. Hu x'hin ghalaq Footloose sellem l-istaff li kien hemm xoghol u ltaqa' mal-appellant u Omissis barra. Jghid li kien hemm xi hbieb t' Omissis u sussegwentament hu mexa mal-appellant u Omissis lejn id-direzzjoni ta' Burger King u wara baqa' sejjer id-dar. Spjega li l-appellant u Omissis bdew izommu idejn xulxin bhal koppja normali. Jghid li dawn kienu waqfu sabiex jieklu xi haga, izda peress li hu kien diga' kiel baqa' sejjer.

In kontro-ezami ikkonferma illi mill-mod ta' kif beda jara lil Omissis u l-appellant jirejagixxu hu kkonkluda illi kien jidher li qisu kien ser jigri xi haga.

**Albert Cassar**[51] xehed nhar il-25 ta' Jannar, 2024 fejn qal li jaf lill-appellant ghaliex kien jahdem gewwa Footloose, l-istess post li hu kien jahdem bhala manager . Hu kien jaf ghaliex l-appellant kien jinsab ghaddej b'dawn il-proceduri. Lil Omissis jaf min hi minn wiccha. Spjega kif l-ghada li gara l-kaz u l-appellant kien gie arrestat, hu ra lill-Omissis gewwa Footloose. Hu jghid li kif qalulu hekk baqa' impresjonat. Jghid li Omissis bjonda u fiha tifla. Ir-ritratt li jinsab esebit a fol. 482 jghid li ttihed gewwa Footloose fejn jahdem hu. Dan ir-ritratt juri grupp ta' persuni, li wahda minnhom kienet Omissis. Jghid li meta raha hu Omissis ma kienitx liebsa kostumi bhal fir-ritratt. Jghid bic-cert li hu raha l-ghada lil Omissis ghax baqa' mpressjonat kif wara dak li allegat kienet hemm. Sussegwentament hu qal li baqa' jaraha gewwa Footloose.

---

[50] Fol. 469 et seq tal-process.
[51] Fol. 486 et seq tal-process.

**Aleandro Hector Posala**[52] xehed nhar it-13 ta' Marzu, 2024 fejn qal li jaf lill-appellant ghax kien hadem mieghu bhala DJ. Jghid li hu kellu jidhol xoghol meta arrestaw lill-appellant. Tlett ijiem, erbat ijiem wara l-akkadut hu beda jara lill-Omissis gewwa Footloose ma shabha. Jghid li certu Tim kien urih ritratt taghha fuq il-mobile u hu ghalhekk kien gharafha. Jghid li raha iktar minn sitt darbiet gewwa l-Club.

**Riccarcdo Mel**[53] xehed nhar it-13 ta' Marzu, 2024 fejn qal li kien iltaqa' mal-appellant fis-2018 gewwa Footloose. Wiegeb li jaf biex kien akkuzat l-appellant u li kien jaf ukoll lil Omissis. Jghid li missieru kien avukat u ppruvaw jghinuh billi mar Footloose u beda jistaqsi daqsxejn x'kien gara. Jghid li f'29 t' Ottubru, 2021 hu mar Footloose u Omissis kienet hemm tizfen mal-hbieb u tiflirtja. Hu kien vera sorpriz b'dan wara dak kollu li kien gara. Muri r-ritratt a fol. 482, hu kkonferma illi din kienet l-istess persuna li hu kien ra gewwa Footloose. Hu jghid li huwa professur u jahdem l-Universita' u jemmen li l-appellant persuna tajba.

**Luisa Boesler**[54] xehedet quddiem din il-Qorti nhar is-16 ta' Jannar, 2025 fejn qalet illi l-appellant kien l-ex gharus taghha. Spjegat illi zmien l-allegat akkadut hi u l-appellant kienu fuq *break* imma kienu ghadhom qed jikkuntatjaw lil xulxin. Tghid li fil-mument tal-arrest tal-appellant hija kienet fizikament il-Germanja izda kienet fuq it-*telephone* mieghu. Tghid li hi stenniet lejl u bdiet tikkuntatja xi avukati u pulizija sabiex tara x'kien gara mill-appellant. Hija giet ghall-ewwel seduta tal-kaz u xi jiem wara marret Footloose ma habiba taghha sabiex tohrog ftit wara dak l-istress kollu. L-appellant kien ghadu arrestat u hija rat lil Omissis ma shabha u kienet ixxukjata ghaliex ma kienitx qed tistenna li tara tfajla li giet stuprata god-diskoteka. Qalet li Omissis bdiet thares lejha u anke bdiet tghaddi minn mal-mejda taghhom, tant li hi hassitha prvokata. Spjegat li hija kienet baqghet Malta sakemm hallsitlu l-helsien mill-arrest u kienu regghu ppruvaw jirrangaw hi u l-appellant izda ma setghetx ikollha relazzjoni

[52] Fol. 493 et seq tal-process.
[53] Fol. 496 et seq tal-process.
[54] Fol. 82a et seq tal-process tal-appell.

tajba u b'sahhitha mieghu. Kellha bzonn it-terapija u ma setghetx temmen kif bniedem innoccenti spicca l-habs.

In kontro-ezami tikkonferma li hija ma kienitx prezenti fil-hin tal-akkadut izda taf il-personalita' tal-appellant u kif ikun intimu waqt is-sess. Tghid li hija ma kellmitiex lil Omissis dakinhar li rata Footloose. Issostni illi kieku Omissis vera giet stuprata ma kienitx tohrog ftit jiem wara u taghmel *party*. Tghid li ma tistax tghid bic-cert li Omissis kienet taf hija min hi.

**Ikkunsidrat**,

Illi din il-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet kuntrastanti ghall-ahhar. Fuq naha wahda ghandek il-verzjoni t' Omissis li qed itenni li hija ma ridietx ikollha x'taqsam mal-appellant u dan tal-ahhar ghalhekk stupra. Min-naha l-ohra l-appellant mhux jinnega illi hu u Omissis ghamlu s-sess flimkien, izda li dan sar b'mod konsenswali. Illi kif diga gie ritenut *supra*, l-ikbar sfida ta' din il-Qorti illi tiskopri l-verita' storika u dan wara tevalwa il-provi kollha.

L-appellant permezz **tal-ewwel aggravju** tieghu jsostni illi hemm divergenzi varji fil-fatti hekk kif rakkontati. Illi madankollu johrog bic-car illi Omissis u l-appellant kienu ltaqghu fid-diskoteka Footloose fejn kien jahdem l-appellant bhala DJ. Kien hemm komunikazzjoni bejniethom via l-midja socjali u dakinhar tal-allegat akkadut Omissis ghamlet lejl tizfen fid-DJ booth hdejn l-appellant. Filwaqt li l-appellant qed jghid li hu u Omissis mxew flimkien b'mod romantiku sal-appartament tieghu, Omissis qed tghid li l-appellant kaxkara billi gibidha minn idha sa l-appartament. L-appellant isostni li huma u mexjin lejn Burger King kienu akkumpanjati minn habib tieghu Afrad Dejan u kienu ltaqghu ma habiba t' Omissis, Noa, li kienet fis-sakra u nizlu lura maghha sabiex jihduha fejn grupp ta' shaba. Izda Omissis issostni illi hija kienet qalet lil Noa li hija ma ridietx tmur mal-appellant allura din gibdita lura l-isfel hdejn il-hbieb taghhom. Hareg mix-xhieda li din Noa kienet baghtet messagg fuq xi *chat group* dwar il-fatt li Omissis ma ridietx tmur mal-appellant, izda prova ta' dan il-messagg fl-atti

ma tirrizultax. Omissis tghid li hija dahlet fl-appartament sabiex tghinu jgorr l-appart tad-DJ u ma kellha l-ebda ntenzjoni li jkollha x'taqsam mal-appellant. Dan tal-ahhar izda jghid li l-apparat igorru dejjem hu u ma jafdah ma hadd u li Omissis telghet fuq mieghu b'mod volontarju. Filwaqt li Omissis tghid illi ma ridietx taghmel sess mal-appellant u bdiet twaqqfu mbghad frizat u spiccat thares lejn is-saqaf, l-appellant jghid li kienet lejla sabiha u li Omissis bdiet tiehu gost bis-sess u qaltlu sabiex jaghmel iktar bil-mod. Omissis tghid li l-appellant ma egakulax izda l-appellant jghid illi huwa egakulha gewwa Omissis.

Din il-Qorti tghid illi kellha cans tara u tifli sew l-evidenza kollha mressqa u tibda billi tghid illi fil-fhema taghha Omissis ma kienitx *dragged* mill-appellant, f'sens li dan kaxkarha u dan ghaliex illi mill-istills esebiti mill-espert Keith Cutajar, Omissis u l-appellant jidhru mixjin id f'id. Kieku persuna kienet qed tigi mkaxkra kienet tidher mill-istills u/jew il-filmat. Wiehed irid izomm f'mohhu wkoll illi fejn kienu mixjin kien hemm ukoll prezenza tal-pulizija, u anke jekk Omissis ma ghajtitx ghal ghajnuna certu atteggjament bhal *dragging* kien iqajjem suspett li jattira l-attenzjoni tal-istess pulizija.

Illi Omissis tghid illi l-appellant sabiex jikkonvinciha timxi mieghu talabha zzommlu xi apparat. B'referenza ghall-istills a fol. 318 et seq tal-process jidher l-appellant qieghed igorr l-apparat hu u cioe' basket fuq darhu u iehor f'idu. Fl-istills a fol. 334 l-appellant jidher ghadu qed izomm l-istess basktijiet ftit qabel qasmu ghal faccata fejn Burger King. Madankollu din il-Qorti tishaq illi kien ghad fadal bicca zghira ta' triq sal-appartament tal-appellant li ma jidhirx

Dwar l-attivitajiet sesswali Omissis tghid illi l-appellant uza certu forza waqt is-sess u dan tal-ahhar xehed illi Omissis qaltlu sabiex jippenetra iktar bil-mod. Sussegwentament, Omissis tghid li kienet mugugha u anke hargilha d-demm mill-parti taghha. Madankollu, meta ezaminata mill-esperti Dr Mario Scerri u Dr Helga Consiglio qalu li meta ezaminawa ma kelliex tbengil jew lezjonijiet fil-parti t' Omissis u lanqas evidenza ta' penetrazzjoni sfurzata. Dr Consiglio qalet illi d-demm li rat

Omissis seta' kien demm li wiehed jara wara s-sess b'mod normali meta jkun jiehu kontracettiv bhal ma kienet tiehu Omissis. Filwaqt illi l-appellant sostna li egakula gewwa Omissis, din tal-ahhar tghid li ma egakulax. L-ewwel qorti sostniet illi ma nstabx DNA tal-appellant fil-*vaginal swab* u fil-*vulval swab* li ttiehdu minn fuq Omissis. Meta saru t-testijiet forensici fuq il-qalziet ta' taht t' Omissis rrizulta li kien hemm tracci ta' *acid phosphate* fil-parti ta' gewwa fin-nofs tal-qalziet ta' taht. Ghalhekk skont l-ewwel qorti dan jissostanzja l-verzjoni t' Omissis u cioe' li l-penetrazzjoni waqfet hesrem meta hija qamet hekk kif semghet ic-cellulari jdoqq. Id-difiza hawnhekk enfasizzat fuq l-esperjenza tal-hajja u jekk fil-verita' min ikun irid jistupra lil xi hadd jieqafx ghax idoqq cellulari. Enfasizza wkoll illi bhala statura Omissis fiha tifla, tipika Olandiza, u meta l-appellant nizel fuqha sabiex jaghmel sess orali, setghet facilment tqum ghaliex l-appellant kien f'pozizzjoni vulnerabbli.

Illi in oltre, dwar il-messagg li l-appellant baghat lil Omissis l-ghada tal-allegat akkadut hu sostna li dan baghtu b'referenza ghal dak li kienet qaltlu Omissis u cioe' li kienet giet *drugged*. Min-naha l-ohra l-Avukat Generali qed jenfasizza li dan il-messagg kien b'referenza ghall-attivitajiet sesswali li kienu ghamlu Omissis u l-appellant fejn dan tal-ahhar sahansitra qalilha li ma kienx jaf x'gara il-lejl ta' qabel u li kien xurban.

Din il-Qorti ghalhekk tinsab rinfaccata b'numru ta' divergenzi u xhud jista' jigi emmnut f'dak kollu li jghid jew biss *in parte*. Fi proceduri kriminali bhal dan, filwaqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, jekk l-appellant jidirlu li ghandu jressaq xi prova, kif f'dan il-kaz ghamel, il-livell li jrid jilhaq hu fuq livell ta' probabbilta', iktar iva milli le. Il-Qorti nnutat, inkonsistenzi kemm min-naha t' Omissis, kif ukoll min-naha tal-appellant u tfakkar illi stante hawnhekk ninsabu fil-kamp penali, kwalunkwe dubju jimmerita favur l-appellant.

Illi din il-Qorti hija tal-fhema illi l-ewwel qorti taghat hafna iktar piz ghal dak li xehedu shab Omissis milli dak li xehedu l-hbieb tal-appellant. Il-Qorti tinsab perplessa wkoll kif ma tressqux sabiex jixhdu l-*mentors* t' Omissis, Stanley u Aski, `kif ukoll il-group chat t'Omissis u shabha fejn allegatament Noa kienet baghtet tghid li

Omissis ma ridietx tmur mal-appellant. Dan abbraccat mal-fatt illi fix-xhieda taghha Omissis tenniet kemm kienet difficli ghaliha li tmur mal-pulizija sabiex turihom fejn kien jinsab l-appartament fejn allegatament sar l-istupru. Madankollu, jirrizulta mill-atti li Omissis sa minn l-ghada li ghamlet ir-rapport kontra l-appellant, regghet marret fl-istess post li jahdem hu u cioe' go diskoteka Footloose. Omissis baqghet tiffrekwenta Footloose ma shabha, fejn sahansitra wiehed mix-xhieda jghid li raha ghal madwar sitt darbiet zgur. Rizultat ta'dawn id-divergenzi u dubji serji, din il-Qorti, abbazi tal-provi prodotti, ma ssibx komfort li tikkonferma is-sentenza tal-ewwel qorti u ssib lill-appellant hati ta' stupru.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Henry Alonso Cano Rojas u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju minnu mressaq. Konsegwentament, tirrevoka is-sentenza tal-ewwel qorti in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**